# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 425 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Christopher BARTOLO**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 t'Ottubru 2017 fil-konfront ta' Christopher BARTOLO, karta tal-identità bin-numru 290773M li ġie mixli:

   Talli fit-28 ta' Diċembru, 2015 għall-ħabta tad-21:10hrs fi Vjal l-Indipendenza, l-Mosta, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JOA 159;

   1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.
   2. U kif ukoll talli pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu

fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt (96ug/100ml).

3. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBR 489 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Mark Borg;
4. U akkużat ukoll talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;
5. Saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
6. Saq l-istess vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq;
7. Bħala sid tal-vettura, naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja maħruġa mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat Christopher BARTOLO ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għall-multa t'elfejn ewro (€2000) flimkien mas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tminn (8) xhur dekorribbli minn nofs illejl ta' l-għada filgħodu.

3. Illi minn din is-sentenza Christopher BARTOLO interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellate billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tas-sitt imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet, tħassar is-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tminn xhur u dan wara li tenna li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tissospendilu l-liċenzja tas-sewqan għal tminn xhur u dan minħabba l-fatt li l-liċenza tas-sewqan kienet tirrappreżenta l-għejxien tiegħu in kwantu kien jaħdem bħala xufier. Peress li jgħid li huwa mhux bniedem ta'

skola jew sengħa partikolari kien diffiċli għalieh li jsib xogħol alternattiv. Huwa rrefera għall-artikolu 30(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn saħaq li bis-saħħa ta' dan l-artikolu tali skwalifika setgħet tiġi mneħħija minn din il-Qorti.

4. Illi din il-Qorti rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi nhar it-28 ta' Diċembru 2015 għall-ħabta tal-21.15hrs, filwaqt li l-Pulizija kienu fl-akwata ta' Vjal l-Indipendenza fil-Mosta, huma nnutaw li kienet seħħet ħabta bejn żewġ vetturi, senjatament dik tal-għamla Opel Corsa ta' lewn abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni JOA159 li kienet misjuqa mill-appellant u Mercedes Benz ta' lewn iswed bin-numru ta' reġistrazzjoni EBR489, misjuqa minn Mark Borg. Meta l-Pulizija avviċinaw l-inċident irriżulta li ħadd mis-sewwieqa ma kien indarab u li kienu diġa kkomunikaw mal-Gwardjani Lokali. Waqt l-istħarriġ li kien qed isir, il-Pulizija innutaw illi l-vettura misjuqa mill-appellant ma kellhiex id-diska tal-liċenzja mwaħħla mal-*windscreen* fejn meta Bartolo ġie mistoqsi dwarha hu kkonferma li kemm il-liċenzja kif ukoll l-assikurazzjoni tiegħu kienu skadewlu fil-31 ta' Ottubru 2015.

6. Inoltre, filwaqt illi kien qed jiġi mitkellem, il-Pulizija nnutaw illi l-appellant kellu riħa ta' xorb f'ħalqu. Huwa ingħata t-twissija skond il-liġi sabiex ikun jista' jittieħed it-test tan-nifs bil-*breathalyser* u l-

appellant aċċetta li jagħmel it-test tan-nifs. Minn dan it-test irriżulta li hu kien taħt l-influwenza tax-xorb b'riżultat ta' 96.6mg/100ml.

7. Di piu, ġew innutati ħsarat fuq il-vettura EBR489 b'riżultat tal-ħabta in kwistjoni. Il-Gwardjani Lokali li ġew fuq il-post ħejjew skizz u abbozaw rapport dwar l-inċident. Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti bl-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati semgħet il-provi prodotti quddiemha u ddeċidiet li ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għas-sitt waħda, u kkundannatu għal multa ta' elfejn Euro (€2,000) u ordnat ukoll l-imposizzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għall-perijodu ta' tmien xhur.

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan l-appell huwa limitat għall-*piena* ossija fejn il-Qorti imponiet l-imposizzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja. L-appellant jisħaq illi huwa jaħdem bħala xufier fejn konsegwentement it-tneħħija tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal kwalunkwe perijodu ta' żmien jippreġudika l-introjtu u konsegwentement l-għejxien tiegħu. Hu jirreferi wkoll għall-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tikkonsidra li hu jiġi eżentat minn din l-iskwalifika *in toto*.

9. L-appellant instab ħati ta' reati taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fosthom is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u l-konsum

eċċessiv ta' alkoħol filwaqt li kien qiegħed isuq vettura taħt l-artikoli 15A u 15B li għal dak li jirrigwarda l-piena, hija regolata taħt l-artikolu 15H tal-istess Ordinanza.

10. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H jgħid :

> (2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta'mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:....

11. Is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan mhix diskrezzjonarja iżda tassattiva. Dan jirriżulta wkoll ċar minn diversi każijiet ta' din il-Qorti kemm kif presjeduta kemm presjeduta minn Imħalfin oħra.[1] Jiġifieri s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, skont il-Liġi trid tingħata bil-fors bis-saħħa tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid li l-Qorti **għandha,** fil-każ tal-ewwel kundanna, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur meta jiġi misjub ħati tar-reati msemmija fl-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal ma ġara f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għażla – ladarba waslet li ssib il-ħtija fl-imputat, hija kienet kostretta li timponi wkoll is-sospensjoni. Inoltre jirriżulta wkoll illi l-imposizzjoni tat-terminu ta' tmien xhur sospenzjoni kien fil-parametri legali, bil-*minimum* li ma jistax ikun inqas minn sitt xhur.

[1] Ara ***Il-Pulizija vs Silvio Coleiro***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-15 t'Ottubru 2019; ***Il-Pulizija vs Kevin Charles Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-5 ta' Settembru 2019; ***Il-Pulizija vs Ahmad Abu Hassan***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-28 ta' Mejju 2019; Il-Pulizija vs. Philip Attard, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-

12.Għal dak li jirrigwarda dak dispost taħt l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan jaqra kif ġej:

> (2) Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:

13.Fl-ewwel lok jingħad illi din id-disposizzjoni hija applikabbli f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt il-Kodiċi Kriminali u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe *dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-taħsir jew liskwalifika milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra.*

14.F'dan il-każ, l-uniku reat miġjub kontra l-appellant li jaqa' taħt il-Kodiċi Kriminali jikkonċerna l-ħsarat involontarji kkaġunati fuq il-vettura misjuqa minn Mark Borg u li kien involut fl-inċident stradali mal-appellant li finalment wassal għal dawn il-proċeduri kontra l-appellant. Din id-disposizzjoni ma tistax telgħeb l-applikazzjoni tassativa tas-sospensjoni kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati fid-dawl tal-ksur tal-Artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Fit-tieni lok, kif ippuntwalizza l-Avukat Ġenerali, it-talba skond l-artikolu 30(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' ssir biss fil-każ li s-sentenza tkun *res judicata*. F'dan l-appell l-appellant mhux qiegħed jikkontesta s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Biss il-proċeduri ma kienux *res judicata*. Fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Ahmad Abu Hassan***, deċiż nhar it-28 ta' Mejju 2019 din il-Qorti diversament presjeduta kkonkludiet is-segwenti : -

> Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghal gurisprudenza li ghamlet referenza ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Grech' (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru, 2018 (Appell Numru: 542/2015) gie kkunsidrat li:
>
>> 'Id-Difiza indikat li l-kompartament tal-appellant huwa wieħed ezemplari għax wara l-akkadut kien ikkopera mal-Pulizija u ħallas d-danni tal-arblu (Ircevuta Fol 4 tal- Process) u l-fedina penali tiegħu hija kompletament nadifa. Inoltre, fissret li tali skwalifika hija serja għall-appellant minħabba l-fatt li xogħolu jinvolvi jsuq it-trukkijiet u tali skwalifika tista' tfisser ittelf ta' xogħol tiegħu.
>>
>> Il-Qorti tigbed l-attenzjoni lli l-Artikolu 30 tal-Kap 9 ma jistax jigi invokat f'dan l-istadju tal- proceduri izda jista' jigi applikat wara li tkun instabet ħtija.
>>
>> Għaldaqstant ikun għaqli li jsir uzu minn dan l-artikolu wara li s-sentenza tkun saret res judicata.'
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Shawn Fenech' (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru: 253/2017)) gie kkunsidrat:
>
>> 'lli finalment għal dak li jirrigwarda r-ragunijiet ipprospettati mill-appellant li b'xi mod għandhom jiggustifikaw it-tneħħija ta' din l-iskwalifika skont id-dettami tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9, jidher li din il-procedura ma tistax tigi nkorporata fl-iskop tal- appell u semmai kwalunkwe talba li ssir skont din id-disposizzjoni trid issir permezz ta' rikors wara l- għoti tas-sentenza finali u dan wara li l-istess Qorti tkun ħadet kont tal- imgieba u l-karattru tal-ħati wara li jkun instab ħati u cioe wara li hu jkun diga beda jiskonta is-sentenza imposta fuqu.'
>
> Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali li l-Ewwel Qorti ma kelliex ghazla ghajr li tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-

akkuzat. L-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dak l-istadju.

16. Mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li dan ma kienx l-uniku każ fejn l-appellant instab ħati kemm qabel kif ukoll wara li seħħ dan il-każ talli kiser ir-regolamenti taħt din l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Jekk verament l-appellant kien jinteressaħ minn xogħolu, kien messu qagħad aktar attent u kawt fis-sewqan tiegħu u mhux jinqabad xurban waqt li kien qiegħed isuq.

17. Jirriżulta li bejn li kien beda dan il-każ kontrih fit-18 ta' Frar 2016 u d-data meta ġie deċiż fl-20 t'Ottubru 2017 huwa kien instab ħati wkoll ta' każ ieħor ta' reat kontra l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku fid-19 ta' Settembru 2016 u dan talli irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs wara li kien avżat li n-nuqqas jew ir-rifjut li jagħmel dan kien reat u ġie mmultat elf u mitejn euro (€1200) għal episodju li kien seħħ fit-28 ta' Marzu 2015. L-appellant kien jaf, jew messu kien jaf, li jekk kien sejjer jerġa jikser il-liġi tat-Traffiku, ix-xogħol tiegħu seta' faċilment jiġi preġudikat minħabba egħmilu stess. Fi ftit kliem, jekk l-appellant ried jibża' għal xogħolu messu ħasibha qabel u mhux issa.

18. Kif kien jgħid il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent Degaetano fis-sentenzi tiegħu f'każijiet bħal dawn : *imputet sibi*. L-appellant ma jistax iwaħħal f'ħaddieħor għan-nuqqasijiet tiegħu.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***